**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**28 ta' Awwissu, 2022**

# FESTA

Nhar il-Ħadd li ġej fil-Kappella ta' Santa Tereża ta' Kalkutta se nfakkru din il-qaddisa, li l-festa liturġika tagħha taħbat l-għada, 5 ta' Settembru. Il-quddiesa tkun fil-ħin tas-soltu, jiġifieri fis-7:30am. Illum se nġibilkom xi sentenzi spiritwali ta' din il-qaddisa. Waħda mill-ikbar persunaġġi tas-seklu għoxin. Fuq santa li titqassam mis-Sorijiet tal-Karità ta' Santa Tereża, hemm din is-sentenza li tlissnet jew kitbitha Santa Tereża stess: "*We need silence to be alone with God, to speak with Him, to listen to Him, to ponder His words deep in our hearts.*" Hawnhekk qiegħed is-sigriet kollu tal-ħajja u l-qdusija ta' Madre Tereża ta' Kalkutta. L-ewwel irridu nkunu qrib Ġesù fil-meditazzjoni, talb u adorazzjoni biex imbagħad inkunu nistgħu nwassluH u ngħixu bħalU.



Madre Tereża għamlet għażla preferenzjali favur il-fqar. "Il-komunità tiegħi hija dik tal-fqar. Is-sigurtà tagħhom hija tiegħi wkoll. Is-saħħa tiegħi tiġi mis-saħħa tal-fqar. Id-dar tiegħi hija d-djar tal-fqar". Dan il-kliem, li hija kitbitu fl-1946, huwa l-programm pastorali u spiritwali li hija riedet twettaq, hi personalment u l-kongregazzjoni li waqqfet.

Nitolbu lil Alla li jsejjaħ iktar qlub ġenerużi femminili li bħal Swor Lux Marie (Elizabeth Grech) jagħtu ħajjithom għal dawk li Madre Tereża tgħid għalihom, tant huma fqar li "ħadd ma jkun irid jersaq lejhom".

***L-Arċipriet***

**ĦINIJIET TAD-DUTTRINA**

**M.U.S.E.U.M. Subien:**

Year 1, 3 u 5: It-Tnejn u l-Ħamis mis-6:00pm sas-6:30pm
Year 2, 4 u 6: It-Tlieta u l-Ġimgħa mis-6:00pm sas-6:30pm
Forms 1-5: It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa mis-7:00pm sas-7:30pm

**M.U.S.E.U.M. Bniet:**

Year 1: It-Tlieta mill-4:30pm sal-5:05pm
Year 2: It-Tnejn mill-4:30pm sal-5:05pm
Year 3: It-Tnejn u l-Ħamis mill-4:30pm sal-5:05pm
Year 4: It-Tlieta u l-Ġimgħa mill-4:30pm sal-5:05pm
Year 5: It-Tlieta u l-Ħamis mis-5:45pm sas-6:20pm
Year 6 u Form 1: It-Tnejn u l-Ġimgħa mis-5:45pm sas-6:20pm
Form 2 u 3: It-Tlieta mis-5:45pm sas-6:20pm
Form 4: Il-Ħamis mis-5:45pm sas-6:20pm

**AVVIŻI:**

**FLOW #4:** Iċ-Ċentru taż-Żgħażagħ ser jorganizza attività ta' water games għall-istudenti kollha li kienu Form 1 u Form 2 fis-sena skolastika li għaddiet, nhar **it-Tnejn 29 ta' Awwissu.** L-attività tibda fil-5pm u tispiċċa għas-7:30pm. Importanti li jiġu bil-malja minn taħt u b'tibdila żejda. Se jkun hemm snacks u drinks b'xejn għal kull min jattendi.

**IS-SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa wara l-quddiesa tal-5:00pm fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Ejjew biex niltaqgħu ma' Ġesù u nitolbuh ħniena.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am